**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 30 ta' Mejju, 2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kylie Borg)**

**-vs-**

**Daniela Estelle Mallia detentrici tal-Karta tal-Identita bin-numru 350687(M)**

Kumpilazzjoni Nru: 1206/2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Daniele Estelle Mallia talli:

> Nhar it-13 ta' Marzu 2013 f'dawn il-gżejjer bħala parti f'kawża ċivili, ħalfet il-falz.

Semghet ix-xhieda.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputata m'ghandha l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Saret trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputatazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputata hi wahda serjissima u ghalhekk il-provi migjuba fil-konfront taghha kellhom ikunu tali li ma jhallu ebda lok ghall-interpretazzjoni kontrarja.

Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-istqarrija rrilaxxata mill-imputata fejn mill-ewwel kien hemm cahda dwar l-allegazzjonijiet migjuba. Senjatament ittiehed konsiderazzjoni ta' dak li xehdet l-Avukatessa Dr. Maxilene Pace kif ukoll tal-fatt li missier il-minuri, il-parte civile, wera x-xewqa li ma jaghtix xhieda fil-konfront ta' omm ibnu, u dan anke ghall-gid tal-istess minuri li ghandu bzonnijiet specjali. Il-Qorti wara li qiset li r-rispett reciproku bejn bejn dawk li tawh il-hajja hija essenzjali sabiex il-minuri jigi assigurat dik l-imhabba u ghozza li ghandhom janimaw l-ghajnuna kostanti w indispensabbli li jinhtieg minghandhom it-tnejn iddecidiet li l-missier ma ghandhux jigi mgieghel jixhed.

Illi ghalhekk mill-atti processwali certament ma jirrizultawx provi li jistghu iwasslu sabiex tinstab htija fl-akkuzata.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tillibera lill-akkuzata mill-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**